MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2015

Mandat Numru. 736/2015/1

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 736/2015LM fl-ismijiet:**

**Carmelo sive Charles Scicluna  (K.I. 295967 M)**

**vs**

**Enemalta plc (C65836)**

**u**

**Automated Revenue Management Services Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tar-rikorrent **Carmelo sive Charles Scicluna** ppreżentat fis-7 ta' Mejju, 2015 fejn talab il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni u kkonferma bil-ġurament:

*"Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, jixtieq iżomm l-intimati milli jaqtgħu, jissospendu, jitterminaw, u/jew milli jżommu maqtugħ, sospiża u/jew terminata l-provvista tad-dawl tal-fond ossija kiosk bl-isem "Tiffany's Kiosk", fi Pjazza Dun Tarċis Agius, Marsascala, billi r-rikorrent mhux biss dejjem ħallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma regolarment, iżda dalgħodu stess, qabel il-ħaddiema tal-Enemalta plc marru fuq il-post biex jissospendu l-provvista tad-dawl, ir-rikorrent kien ġjà ħallas madwar tlett elef u disa' mitt Euro (€3,900) kont tad-dawl li, skont l-uffiċjali tal-ARMS Limited, kien l-ammont sħiħ rappreżentanti kont tad-dawl "overdue".*

*Illi għalhekk ma hemm ebda raġuni għalfejn l-intimati jissospendu, jaqtgħu jew jitterminaw il-provvista tad-dawl tal-fond hawn fuq imsemmi jew jekk iżommu maqtugħa, sospiża u/jew terminata l-provvista tad-dawl tal-istess fond.*

*Illi di più, ir-rikorrent għandu 'stock' ta' eluf ta' Euro ta' laħam, ġelati u ħwejjeġ oħra li jeħtieġu refriġirazzjoni fl-istess fond. Is-sospensjoni, qtugħ jew terminazzjoni tal-provvista tad-dawl ser tfisser il-qerda ta' dan l-ikel kollu b'dannu kbir għar-rikorrent.*

*Illi inoltre, ir-rikorrent għandu informazzjoni li fil-kont relattiv għad hemm ammont pendenti u għalhekk l-intimati ma setgħu qatt*

*jawtorizzaw is-sospensjoni, qtugħ jew terminazzjoni tal-provvista tad-dawl.*

*In vista tal-urġenza tordna l-esekuzzjoni provviżorja".*

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Mejju, 2015 fejn wara li rat l-Artikolu 875(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, laqgħet it-talba tar-rikorrent provviżorjament u rriżervat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri.

Rat ir-Risposta konġuntiva tal-inimtati **Enemalta plc (C65836)** u ta' **Automated Revenue Management Services Limited (C46054)** ippreżentata fit-12 ta' Mejju, 2015, fejn wieġbu kif ġej:

*"Illi huwa paċifiku illi sabiex jinħareġ mandat ta' inibizzjoni, ir-*rikorrent *għandu l-*oneru *li juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi li l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-*rikorrent. *It-tieni ħaġa hi li r-*rikorrent *ikun jidher li għandu mad-daqqa t'għajn (*prima facie) *dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha prima facie l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix.*

*Illi fil-fehma tas-soċjetajiet esponenti, ir-*rikorrent *ma rnexxielux jissodisfa dawn iż-żewġ rekwiżiti li huma kardinali għall-ħruġ tal-Mandat inkwistjoni.*

*Illi qabel xejn tajjeb li jiġi sottolinjat illi s-soċjetajiet intimati ma jidħlux fi kwistjonijiet ċivili li jista' jkun hemm pendenti bejn ir-rikorrent u terzi in konnessjoni mal-kirja u l-okkupazzjoni tal-fond inkwistjoni.*

*Illi bħala fatt is-sid reġistrat tal-fond inkwistjoni huwa ċertu Joseph Farrell (K.I. 181158 M) u l-unika relazzjoni ġuridika li teżisti fil-każ hija miegħu u mhux mar-rikorrent.*

*Illi ma hemm l-ebda pendenzi jew arretrati dwar dan il-fond inkwistjoni; is-soċjetà intimata Enemalta plc rċeviet talba mingħand l-imsemmi Joseph Farrell sabiex jitneħħa s-servizz ta' dawl u elettriku għall-fond inkwistjoni u dina l-applikazzjoni ġiet proċessata. Kollox sar b'mod regolari u mhuwiex minnu li kien hemm xi arretrati dovuti u semma li kieku hemm tali arretrati, is-servizz ma kienx jinqata' kif mitlub;*

*Illi mill-premess għalhekk u mad-daqqa t'għajn, għandu jkun ċar li ma jeżisti l-ebda dritt li għandu r-rikorrent li jimmerita li jiġi kkawtelat bil-ħruġ ta' dan il-mandat għas-sempliċi raġuni li ma teżisti l-ebda relazzjoni ġuridika bejn ir-rikorrent u l-intimati. Jirriżulta għalhekk illi mad-daqqa t'għajn jonqos il-jedd tutelabbli li huwa element bażilari li fuqu s-soċjetà rikorrent qed issejjes it-talba tagħha.*

*Illi jirriżulta għalhekk illi l-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat sabiex l-għamil li r-rikorrent jrid iżomm lis-soċjetà esponenti milli twettaq, dan l-element ukoll ma jirriżultax. Fl-ewwel lok, il-liġi tagħti lir-rikorrent rimedji oħrajn ordinarji u xierqa biex tikseb il-ħarsien ta' xi jeddijiet li jista' jidhirlu li jgawdi in konnessjoni mal-kirja jew okkupazzjoni tal-fond inkwistjoni.*

*Illi s-soċjetà esponenti hija għalkollox estranja għal kwalunkwe lanljanzi u vertenzi li jista' jkun hemm bejn ir-rikorrent u terzi u huwa ferm importanti li dina l-Qorti ma tintużax bħala strument sabiex toħroġ dan il-mandat fil-konfront ta' terzi estranji għall-iskopijiet strateġiċi ta' parti direttament involuta f'vertenza ma' terzi li lanqas ġew ċitati f'dan il-ġudizzju.*

*Illi finalment u mingħajr preġudizzju għall-premess, jiġi rilevat illi sal-mument li ġie notifikat lilha r-rikors odjern, inkluż id-digriet provviżorju, is-servizz inkwistjoni kien ġjà ġie terminat fuq it-talba tal-imsemmi Joseph Farrell. Malli ġie notifikat bl-atti, hija rripristinat s-servizz billi t-talba li ġiet akkordata mill-Qorti kienet tinkludi ordni sabiex l-esponenti inter alia [tiġi miżmuma milli] (recte) "...żżomm maqtugħ, sospiża u/jew terminata l-provvista tad-dawl...".*

*Illi din it-talba tar-rikorrent ma setgħet qatt tintlaqa' għaliex hu ben risaput illi bil-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, ma jistax jiġi revokat att jew aġir li ġjà jkun seħħ u l-effett tal-mandat jista' jilqa' biss għal xi att li għadu ser iseħħ jew li jiġi mhedded li ser iseħħ. Isegwi illi dina l-parti tat-talba tar-rikorrent hija legalment insostenibbli u għandha tiġi miċħuda.*

*Illi għar-raġunijiet kollha premessi għalhekk, huwa umilment sottomess illi dina l-Qorti għandha tiċħad it-talba."*

Rat id-digriet tas-7 ta' Mejju, 2015 fejn ir-Rikors ġie appuntat għas-smigħ għas-seduta tat-13 ta' Mejju 2015.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semgħet lill-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Mejju, 2015 fejn ir-Rikors tħalla għall-provvediment kamerali.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet fattwali</u>**

Il-kwistjoni bejn il-partijiet essenzjalment kienet tikkonċerna kontijiet b'lura ta' servizzi tad-dawl u l-ilma pprovduti mill-intimati lil Tiffany Kiosk, fi Triq Dun Tarċis Agius, Marsacala li r-rikorrent jopera b'titolu ta' lokazzjoni jew sub-lokazzjoni mogħti lilu minn terz estranju għal dawn il-proċeduri, ċjoè Joseph Mary Farrell. Dawn il-kontijiet b'lura f'Marzu li għadda kienu jammontaw għal madwar tmint elef Euro.

Mhux ikkontestat li f'Marzu ta' din is-sena s-soċjetajiet intimati kienu f'kuntatt mar-rikorrent biex jasal għal xi forma ta' arranġament magħhom dwar il-ħlas tal-imsemmija kontijiet b'lura.

F'Marzu ta' din is-sena r-rikorrent ħallas lill-intimati b'ċekk tiegħu personali €3000 minn dawn il-kontijiet arretrati, u s-soċjetà intimata Automated Revenue Management Systems Limited (minn issa 'l quddiem ARMS Limited) irrilaxxjat irċevuta għal dan l-istess ammont li tinsab esebita a fol. 32 tal-proċess.

Għall-bilanċ rimanenti l-istess soċjetà intimata ARMS Limited aċċettat li titħallas permezz ta' ħames ċekkijiet *post-dated* ta' €1062 -il wieħed maħruġa

miċ-*cheque book* personali tar-rikorrent. Wieħed minn dawn iċ-ċekkijiet personali tar-rikorrent, ċjoè dak ta' April, 2015, fil-fatt ġie msarraf mill-intimata ARMS Limited.

Madankollu fil-bidu ta' Mejju, 2015 minkejja l-arranġament milħuq mill-partijiet permezz tal-*post-dated* cheques, b'wieħed minn dawn iċ-ċekkijiet li kien imsarraf fl-aħħar ta' April, 2015, impjegati tas-soċjetajiet intimati xorta marru fil-kiosk operat mir-rikorrent biex jaqtgħulu is-servizz tad-dawl minħabba il-bilanċ li kien għad hemm pendenti.

Biex ma jispiċċax f'sitwazzjoni prekarja jekk mhux fatali għan-negozju tiegħu, li jikkonsisti f'tisjir ta' ikel u stukkjar ta' kwantitajiet konsiderevoli ta' prodotti tal-ikel fi fridges u biex ma jinqatagħlux is-servizz tal-elettriku, wara li kkuntattja lis-soċjetà intimata ARMS Limited, ir-rikorrent ħallas f'daqqa il-kontijiet kollha li sa dakinhar kien għad hemm pendenti, ċjoè is-somma ta' €3,804 u s-soċjetà ARMS Limited irrilaxxjat a favur ir-rikorrent irċevuta ekwivalenti għall-istess ammont.

Minkejja dan, ftit tas-sigħat wara, dakinhar stess, l-impjegati tas-soċjetajiet intimati xorta aċċedew fuq il-lok fejn jinsab Tiffany Kiosk, Marsascala biex jaqtgħu s-servizz tad-dawl u dan fuq rikjesta tal-*account holder* Joseph Mary Farrell li fis-7 ta' Mejju, 2015 applika għat-tneħħija tas-servizz tal-elettriku[1].

[1] Kopja tal-applikazzjoni għat-tneħħija tas-servizz tal-elettriku tinsab esebita a fol. 11 tal-proċess.

Mill-atti tar-Rikors jirriżulta li l-impjegati tal-Enemalta marru jaqtgħu s-servizz tal-elettriku mill-kiosk inkwistjoni, proprju dakinhar stess li Joseph Mary Farrell kien applika għat-tneħħija ta' dan is-servizz.

Bħala retroxena għal dakollu, mix-xhieda tar-rikorrent[2] jirriżulta li fl-istess ħin jew ġranet, ir-rikorrent ġie notifikat bi proċeduri ġudizzjarji istitwiti kontrih mill-imsemmi Joseph Mary Farrell fejn dan qiegħed jitlob li Charles Scicluna, ir-rikorrent, għandu jiġi żgumbrat mill-imsemmi kiosk.

**<u>Kunsiderazzjonijiet ta' dritt</u>**

Illi l-iskop ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara jew preġudizzju lill-persuna li qed titlob il-ħruġ tal-mandat.

Skont l-Artikolu 873 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jeħtieġ li r-rikorrent juri li l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnu tant li bin-nuqqas ta' ħrug tiegħu ir-rikorrent ser isofri preġudizzju u li dak ir-rikorrent ikun jidher li għandu *prima facie,* mad-daqqa t'għajn, dawk il-jeddijiet. Dawn iż-żewġ elementi rikjesti mil-liġi huma kumulattivi u mhux alternattivi u jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni.

[2] A fol. 23 tal-proċess.

Barra minn hekk dawn iż-żewġ elementi rikjesti mil-liġi huma kriterji oġġettivi u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat ta’ din ix-xorta, il-Qorti għandha tagħti interpretazzjoni restrittiva peress li l-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni bħal kull mandat kawtelatorju ieħor, isir fi żmien meta l-pretensjoni tar-rikorrent ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata.

Is-soċjetajiet intimati eċċepew illi bħala fatt is-sid reġistrat tal-fond inkwistjoni huwa Joseph Farrell u l-unika relazzjoni ġuridika li teżisti f’dan il-każ hija miegħu u mhux mar-rikorrent.  Filwaqt li huwa minnu li bħala ‘sid il-kont’ *(l-account holder),* is-soċjetajiet intimati jagħrfu unikament lil Joseph Mary Farrell, dan ma jfissirx però li f’dan il-każ ma teżisti ebda relazzjoni ġuridika oħra kif isostnu s-soċjetajiet intimati.

F’kuntest fejn ir-rikorrent kien qiegħed jittratta ma’ żewġ kumpanniji li għandhom parteċipazzjoni maġġoritarja tal-Istat u li jgawdu monopolju fis-suq għal dik li hija provvista tal-elettriku f’dan il-pajjiż, ir-rikorrent għandu kull jedd jippretendi illi dawn jaġixxu miegħu in massima *bona fede* u għall-ebda motiv ulterjuri jew għanijiet privati.

Ir-rikorrent daħal f’arranġamenti diretti mas-soċjetajiet intimati biex jinqatgħu l-arretrati tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma rigwardanti l-kiosk inkwistjoni, bl-aspettattiva leġittima li l-provvista tal-elettriku fil-kiosk operat minnu tkun tista tibqa’ tingħata sabiex in-negozju tiegħu jkun jista’ jibqa’ għaddej.

F'ċirkostanzi fejn is-soċjetajiet intimati permezz tat-taqsima tal-*credit control* tal-ARMS Limited[3] aċċettaw ħlasijiet direttament mingħand ir-rikorrent permezz ta' ċekkijiet personali tiegħu li ssarfu u daħlu f'arranġament miegħu permezz ta' *post-dated cheques* li kienu bdew jissarfu, jindika li *prima facie* ir-rikorrent kellu relazzjonijiet diretti mas-soċjetajiet intimati li jagħtuh id-dritt li jippretendi li l-intimati jittrattaw u jaġixxu miegħu in *good faith*, u ċjoè li jekk ir-rikorrent implimenta l-parti tiegħu ta' dan l-arranġament billi ħallas dak kollu dovut skont kif mitlub minnu, da parti tagħhom is-soċjetajiet intimati kellhom jimplimentaw in-naħa tagħhom ta' dan l-arranġament billi jipprovdu s-servizz tal-elettriku sabiex in-negozju tar-rikorrent ikun jista' jibqa' jopera.

Din il-Qorti tqis li huwa evidenti li s-soċjetajiet intimati meta marru biex jaqtgħu is-servizzi tad-dawl fil-kiosk operat mir-rikorrent fis-7 ta' Mejju, 2015, kienu qegħdin jaġixxu a favur l-interessi privati tal-*account holder* tagħhom Joseph Mary Farrell, fl-istess żmien meta dan istitwixxa proċeduri ġudizzjarji li għadhom pendenti quddiem din il-Qorti kif diversament ippresjeduta, fejn qed jitlob l-iżgumbrament tar-rikorrent mill-kiosk inkwistjoni[4].

Għad li fir-Risposta tagħhom is-soċjetajiet intimati jissottolinjaw illi huma ma jidħlux fi kwistjonijiet ċivili li jista' jkun hemm pendenti bejn ir-rikorrent u terzi in konnessjoni mal-kirja u l-okkupazzjoni tal-fond inkwistjoni, mill-banda l-oħra d-deċiżjoni tagħhom li jneħħu s-servizz tal-elettriku mill-kiosk imsemmi, għandha proprju l-effett li ġġib magħha l-għeluq tan-negozju tar-rikorrent u t-terminazzjoni *de facto* tal-kirja.

[3] Ara x-xhieda taċ-Chairman tal-Enemalta Fredrick Azzopardi, a fol. 52 u 53 tal-proċess.
[4] Rikors Maħluf 394/15LSO.

Bil-mod kif isir ħafna min-negozju f'pajjiżna permezz ta' kuntratti kummerċjali, is-sidien ta' fondi kummerċjali iżommu l-permessi, l-liċenzji kummerċjali u l-kontijiet tad-dawl eċċ fuq isimhom, bil-ħlas ta' dawn il-liċenzji u kontijiet eċċ jiġi effettwat direttament mill-inkwilini nfushom. Fil-kuntest lokali, kumpanniji b'parteċipazzjoni qawwija tal-Istat bħalma huma l-intimati m'għandhomx jitħallew jintużaw minn persuni privati għal skopijiet privati, billi jaqtgħu d-dawl ta' fond kummerċjali fuq sempliċi rikjesta tal-*account holder* tagħhom, bl-inkwilin jiġi estromess mill-fond u jiġi sfurzat jagħlaq in-negozju tiegħu b'dan il-mod arbitrarju flok b'deċiżjoni tal-Qorti.

Flok qagħad jistenna l-eżitu tal-imsemmija proċeduri ġudizzjarji, Farrell sabha aktar konvenjenti għalih li japplika mal-Enemalta u mal-ARMS Limited għat-tneħijja tas-servizz tal-elettriku mill-kiosk imsemmi, u mingħajr ma jgħaddi mill-għarbiel tal-Qorti, jilħaq fi żmien ferm iqsar l-objettiv tiegħu li jġiegħel lir-rikorrent Charles Scicluna jagħlaq in-negozju tiegħu, ħalli hu jkun jista' jirriprendi l-pussess tal-fond inkwistjoni.

Mill-atti tar-Rikors jirriżulta li r-rikorrent ssalda kull kont li kellu u għamel dak kollu li kien mitlub min-naħa tal-intimati. Għalhekk ir-rikorrent għandu l-jedd jippretendi li s-soċjetajiet intimati ma jużawx is-saħħa monopolistika tagħhom biex jintromettu fi kwistjonijiet ċivili li r-rikorrent għandu ma' terzi u jirrinfaċċjawh b'fatt kompjut b'dannu irreparabbli għalih, meta huma mhux qegħdin ibatu ebda danni għax tħallsu kulma kien dovut lilhom.

Din il-Qorti tinsab sodisfatta *prima facie* li mhux biss li r-rikorrent irnexxielu juri li l-Mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnu u li jidher li huwa għandu dawk il-jeddijiet, imma wkoll li bin-nuqqas ta' ħrug tal-Mandat ir-rikorrent isofri preġudizzju.

F'suq fejn is-soċjetajiet intimati jgawdu monopolju assolut fil-provvista tal-elettriku, fin-nuqqas li dan il-Mandat jiġi milqugħ b'mod definittiv, dan se jwassal inevitabbilment għal preġudizzju irrimedjabbli bl-għeluq tan-negozju tar-rikorrent.

Għad li din il-Qorti tqis illi r-rikorrent f'dan il-każ irnexxilu jissodisfa ir-rekwiżiti kumulattivi għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, kif ġie kkonstatat minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Josephine Camilleri, Mary Mifsud, Emanuel Camilleri, Victoria Saliba u Paul Camilleri vs. Giuseppe Camilleri sive Joseph):**

> *"… ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix."*

Tqis illi jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kif mitlub mir-rikorrent fir-Rikors.

Peress li jirriżulta suffiċjentement li l-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni hu meħtieġ sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet tar-rikorrent.

**<u>Decide</u>**

**Għalhekk din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tipprovdi b'mod definittiv billi tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimati kif mitlub mir-rikorrent fir-Rikors tiegħu.**

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura huma a karigu tal-intimati.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------